



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Jannar 2020
(OR. en)

7142/15
DCL 1

VISA 101
COLAC 29

DEKLASSIFIKAZZJONI¹

tad-dokument:	ST 7142/15 RESTREINT UE/EU RESTRICTED
data:	12 ta' Marzu 2015
status ġdid:	Pubbliku
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni deklassifikata tad-dokument imsemmi hawn fuq.

It-test ta' dan id-dokument huwa identiku għal dak tal-verżjoni preċedenti.

¹ Dokument deklassifikat mill-Kummissjoni Ewropea fis-16 ta' Jannar 2020.



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Marzu 2015
(OR. en)

7142/15

RESTREINT UE/EU RESTRICTED

VISA 101
COLAC 29

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Marzu 2015
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 119 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 119 final.

Mehmuż: COM(2015) 119 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.3.2015
COM(2015) 119 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù

DECLASSIFIED

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**1. INTRODUZZJONI****1.1. Sfond**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001² jelenka t-tliet pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom irid ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dan ir-rekwiżit. Ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 huwa applikat mill-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni tal-Irlanda u tar-Renju Unit, u mill-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera.

Ir-Regolament (UE) Nru 509/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 jittrasferixxi 19-il pajjiż għall-Anness II, li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti mir-rekwiżit tal-viża. Dawn id-19-il pajjiż huma: il-Kolombja, Dominika, Grenada, Kiribati, il-Gżejjer Marshall, il-Mikroneżja, Nauru, il-Palaw, il-Perù, Santa Luċija, Saint Vincent u l-Grenadini, Samoa, il-Gżejjer Solomon, Timor-Leste, Tonga, Trinidad u Tobago, Tuvalu, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Vanwatu. Ir-referenza għal kull wieħed minn dawn il-pajjiżi fl-Anness II hija akkumpanjata b'nota f'qiegħ il-paġna li "l-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża li għandu jiġi konkluż mal-Unjoni Ewropea".

Fis-17 ta' Lulju 2014 il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni lill-Kunsill għall-ftuħ ta' negozjati dwar l-eżenzjoni mill-viża ma' 17 mill-pajjiżi elenkati hawn fuq, jiġifieri kollha kemm huma għajr il-Kolombja u l-Perù. Skont il-Premessa 5 tar-Regolament (UE) Nru 509/2014 u d-dikjarazzjoni konġunta maħruġa fil-ħin tal-adozzjoni, dawn iż-żewġ pajjiżi kienu soġġetti għal proċedura speċifika li kienet teħtieġ valutazzjoni ulterjuri tal-ilħiq min-naħa tagħhom tal-kriterji rilevanti, qabel ma l-Kummissjoni setgħet tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill għal deċiżjonijiet li jawtorizzaw il-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża ma' dawn iż-żewġ pajjiżi. Din il-valutazzjoni kienet fir-rapporti adottati mill-Kummissjoni fid-29 ta' Ottubru 2014⁴. Ir-rapporti ġew diskussi fil-Komitat LIBE tal-Parlament Ewropew fil-5 ta' Novembru 2014 u fil-grupp ta' ħidma dwar il-viża tal-Kunsill fil-21 ta' Novembru 2014. Il-valutazzjonijiet intlaqgħu tajjeb kemm fil-komitati kif ukoll fil-grupp ta' ħidma, għalkemm kien hemm xi tħassib rigward il-ħtieġa li jiġi żgurat li r-reġim ħieles mill-viża jkun marbut mal-ħruġ ta' passaporti bijometriċi fiż-żewġ pajjiżi u għal kooperazzjoni aħjar rigward ir-ritorn ta' migranti irregolari.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa, ĠU L 81, 21.03.2001, p. 1.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 509/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini huma eżentati minn dik il-ħtieġa, ĠU L 149, 20.05.2014, p. 67.

⁴ COM 2014 (663) għall-Perù u COM 2014 (665) għall-Kolombja

Minħabba l-valutazzjoni pożittiva tal-ilħiq tar-rekwiżiti rilevanti mill-Kolombja u mill-Perù, il-Kummissjoni qiegħda issa tirrakkomanda li l-Kunsill jawtorizzaha li tibda n-negozjati dwar l-eżenzjoni mill-viża maż-żewġ pajjiżi.

Id-dispożizzjoni legali li l-eżenzjoni mill-viża tkun soġġetta għal ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù hija primarjament maħsuba sabiex tissalvagwardja b'mod effettiv il-prinċipju tar-reċiproċità fir-rigward tal-eżenzjoni mill-viża. Il-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù għandhom jinkorporaw bis-sħiħ il-prinċipju ta' reċiproċità billi jinkludu n-nuqqas li jiġi rispettata dak il-prinċipju fost ir-raġunijiet għal sospensjoni jew terminazzjoni.

Il-prinċipju ta' eżenzjoni mill-viża għal ċittadini tal-Kolombja u l-Perù, li ġie stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 509/2014, u billi l-Kummissjoni tinsab sodisfatta bl-ilħiq tal-kriterji għall-eliminazzjoni tar-rekwiżit tal-viża miż-żewġ pajjiżi, issa l-Kummissjoni qiegħda tfittex li teffettwaw b'mod prattku billi tissottometti Rakkomandazzjoni lill-Kunsill sabiex tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati għall-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù.

1.2. Id-direttivi ta' negozjati

Il-ftehimiet mal-Kolombja u l-Perù se jsegwu mill-qrib il-preċedenti stabbiliti mill-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża eżistenti tal-UE, b'mod partikolari, ma' Antigwa u Barbuda⁵, il-Bahamas⁶, il-Barbados⁷, il-Mawrizju⁸, Saint Kitts u Nevis⁹ u s-Seychelles¹⁰, kif ukoll il-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża maż-17-il pajjiż l-ieħor trasferiti għall-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 mir-Regolament (UE) Nru 509/2014.

Il-ftehimiet għandhom jipprevedu u jiddeterminaw il-perjodu ta' soġġorn awtorizzat skont l-eżenzjoni mill-viża, meta wieħed iqis l-eżistenza taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni li fihom huwa żgurat il-moviment ħieles tal-persuni. Kull ftehim għandu jipprevedi t-tneħħija tar-rekwiżit tal-viża għal soġġorni previsti ta' mhux aktar minn 90 jum f'perjodu ta' 180 jum biss. L-ammissjoni u l-immigrazzjoni ma jiġux koperti.

Essenzjalment, il-ftehimiet jikkonfermaw it-tneħħija tar-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini Kolombjani u Peruvjani mill-Unjoni Ewropea u t-tneħħija tar-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha mill-Kolombja u l-Perù.

Il-ftehimiet għandhom jiddefinixxu l-kategoriji taċ-ċittadini li jibbenefikaw mill-eżenzjoni mill-viża, jiġifieri d-detenturi ta' passaport ordinarju, u d-detenturi ta' passaport diplomatiku, ta' servizz, uffiċjali u speċjali. Għandhom jiddefinixxu wkoll l-iskopijiet tal-ivvjaġġar (bħal turiżmu jew xogħol) li għalih għandha tiġi applikata l-eżenzjoni mill-viża.

⁵ ĠU L 169, 30.06.2009, p. 3-8

⁶ ĠU L 169, 30/06/2009, p. 24-29

⁷ ĠU L 169, 30/06/2009, p. 10-15

⁸ ĠU L 169, 30/06/2009, p. 17-22

⁹ ĠU L 169, 30/06/2009, p. 38-43

¹⁰ ĠU L 169, 30/06/2009, p. 31-36

Barra minn hekk, il-ftehimiet għandhom iqisu wkoll is-sitwazzjoni tal-Istati Membri li għadhom ma japplikawx l-*acquis* ta' Schengen bis-sħiħ. Diment li ma jkunux parti miż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni, l-eżenzjoni mill-viża għandha tikkonferixxi dritt ta' soġġorn ta' massimu ta' 90 jum fit-territorju ta' kull Stat Membru, indipendentement mill-perjodu kkalkulat għaż-żona sħiħa ta' Schengen.

2. SKOP U BAŻI ĠURIDIKA

Din ir-rakkomandazzjoni hija sottomessa lill-Kunsill sabiex jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinneozja ftehimiet ta' eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir mal-Kolombja u l-Perù li fihom drittijiet u obbligi ċari, mhux ambigwi u vinkolanti li jiżguraw it-tneħħija tar-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini tal-Istati Membri u tal-Kolombja u l-Perù li jidħlu fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra għal soġġorn ta' mhux iktar minn 90 jum.

Ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 huwa bbażat fuq l-Artikolu 77(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. In-negożjati dwar il-ftehimiet ta' eżenzjoni mill-viża ma' pajjiżi terzi huma fi ħdan il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

L-Unjoni għandha teżerċita l-kompetenza esklużiva tagħha bil-għan li tikkonkludi l-ftehimiet komprensivi mal-Kolombja u l-Perù fuq eżenzjoni reċiproka mill-viża. Dawn il-ftehimiet għandhom jipprevalu fuq ftehimiet biltaerali konklużi ma' Stati Membri u l-Kolombja u l-Perù safejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw kwistjonijiet fi ħdan l-iskop tal-ftehim tal-Unjoni.

3. APPLIKABBILTÀ GĦALL-PAJJIŻI ASSOĊJATI

L-Unjoni ma għandha l-ebda saħħa sabiex tikkonkludi l-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża mal-Kolombja u l-Perù li jorbtu lill-erba' pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, inkluża l-politika komuni dwar il-viżi.

Sabiex jiġi żgurat approċċ komuni lejn il-Kolombja u l-Perù dwar kwistjonijiet irregolati f'dan il-ftehim, il-partijiet għall-ftehim bejn l-Unjoni u l-Kolombja u l-Perù jaqblilhom jehmżu dikjarazzjoni konġunta li tiddikjara x-xewqa li l-Kolombja u l-Perù, minn naħa, u l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera, min-naħa l-oħra, jikkonkludu ftehimiet bilaterali separati dwar l-eżenzjoni mill-viża, u d-dispożizzjonijiet tagħhom għandhom jiġu allinjati ma' dawk tal-ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Kolombja u l-Perù.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, wara l-valutazzjoni pożittiva tagħha tal-ilħiq tal-kriterji rilevanti mill-Kolombja u l-Perù

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 509/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ ittrasferixxa r-referenzi għall-Kolombja u l-Perù mill-Anness I għall-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001¹².
- (2) Ir-referenza għal dawn il-pajjiżi hija akkumpanjata b'nota f'qiegħ il-paġna li tindika li l-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża li għandu jiġi konkluż mal-Unjoni Ewropea.
- (3) Il-Kummissjoni ivvalutat b'mod pożittiv l-ilħiq tal-kriterji rilevanti mill-Kolombja u l-Perù fid-dawl tan-negozjati tal-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża bejn l-Unjoni Ewropea u ż-żewġ pajjiżi.
- (4) In-negozjati għandhom jinfetħu bil-ħsieb li jikkonkludu dawn il-ftehimiet mal-Kolombja u l-Perù.

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 509/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini huma eżentati minn dik il-ħtieġa, ĠU L 149, 20.05.2014, p. 67.

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa, ĠU L 81, 21.03.2001, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tinneogzja, fisem l-Unjoni, il-ftehimiet dwar l-eżenzjoni mill-viża mal-Kolombja u l-Perù.

Artikolu 2

Id-direttivi ta' negozjati huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 3

In-negozjati jitwettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DECLASSIFIED